MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 307/2016 LM

**Muracel Limited (C 48673)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Forte Detergents Limited**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Muracel Limited (C 48673)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'] mogħtija fit-3 ta' Lulju, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] li ddeċidiet it-talbiet tagħha fil-konfront tal-intimata s-soċjetà **Forte Detergents Limited (C 6144)** [minn

issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] billi ċaħdet it-talba tagħha, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimata li m’hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejniethom, bl-ispejjeż kontriha.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwarda l-allegat bejgħ u konsenja ta’ prodotti mis-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata bejn is-snin 2012 u 2014. Jirriżulta li għall-ewwel dawn il-prodotti kienu jiġu kkonsenjati fl-indirizz tas-soċjetà appellata, iżda aktar tard kienu jinġabru mingħand is-soċjetà appellanta stess, u dan wara li tkun saret l-ordni għalihom direttament lil Joseph Agius responsabbli għall-*management* tas-soċjetà appellata minn Geoffrey Fenech.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellanta għalhekk istitwiet proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta’ Avviż fil-15 ta’ Diċembru, 2016, fejn ħarrket lis-soċjetà appellata sabiex tgħid għaliex m’għandhiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex:

> *“Tħallas lis-soċjeta rikorrenti s-somma ta’* ***sitt elef, ħamsa u sebgħin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€6,075.91)****, rappreżentanti bilanċ pendenti u minnek dovut għal diversi prodotti akkwistati da parti tiegħek mingħand is-soċjeta mittenti u dan skont ma jirrizulta minn diversi fatturi hawn annessi u komplessivament immarkati bħala Dok. A u dan stante li fuq medda ta’ snin, preċiżament bejn is-snin 2012 u 2014, inti akkwistajt diversi prodotti mingħand is-soċjetà mittenti fuq kreditu, skont l-istess fatturi hawn annessi, u għalkemm saru xi pagamenti sporadiċi da parti tiegħek, għad jeżisti kreditu sostanzjali da parti tiegħek, kif infraskritt.*

*Bl-ispejjez inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, datata t-8 ta' April 2016 (Ittra Nru. 543/2016) kif ukoll bl-ogħla rata permessibbli bil-liġi mid-data tal-imsemmija Ittra Uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv."*

4. Is-soċjetà appellata eċċepiet is-segwenti:

*"Illi fl-ewwel lok hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi, ma xtrat xejn minn għandha u tikkontesta bil-qawwa l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi fil-konfront tagħha.*

*Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja, f'kull każ, f'każ li l-pretensjoni attriċi hija bbażata fuq bejgħ ta' oġġetti mibjugħa bl-imnut (*retail*), tali pretensjoni hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar abbażi tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta."*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata billi kkunsidrat is-segwenti:

***"Ikkunsidrat:***

*Il-fattispeċi ta' dan il-każ jirrigwarda ħlas ta' materjal li s-soċjetà attriċi biegħet lis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi preżentat diversi dokumenti li jinsabu a fol 2 et seq tal-proċess li juru dan il-materjal ġie mibjugħ lis-soċjetà konvenuta. Illi jidher ukoll li matul iż-żmien kien hemm problemi sabiex jitħallas il-materjal li kien jiġi ordnat. Illi għalhekk bejn iż-żewġ kumpaniji kien sar ftehim li ġie iffirmat minn Geoffrey Fenech li ffirma għan-nom tas-soċjetà konvenuta (ara dok ML 2 li jinsab a fol 209) rigward* credit account application form. *Illi min-naħa tas-soċjetà konvenuta innegat li hija xtrat xi affarijiet mingħand is-soċjetà attriċi u dan skont ma qal l-istess Victor Fenech bħala s-*sole director *tal-istess kumpannija. Illi min-naħa l-oħra kompla jgħid li kien huwa biss li jiffirma kwalunkwe ftehim ma' xi kumpanniji oħrajn u mhux it-tifel tiegħu u ċioe' Geoffrey Fenech.*

*Illi meta xehed l-istess Geoffrey Fenech huwa ma innegax li kien jixtri materjal għax-xogħol li huwa jagħmel għalih personali fejn kien iħallas mill-kont bankarju tiegħu lis-*

*soċjetà attriċi. Illi però żied li huwa ma kienx jixtri materjal għan-nom tas-soċjetà konvenuta għalkemm dan ix-xogħol kien jinġieb fil-fabbrika tagħha. Huwa innega li qatt iffirma xi ftehim mal-istess soċjetà attriċi dwar ħlas skont kif hemm f'dok ML 2 a fol 209. Addirittura qal li l-firma ġiet iffalsifikata għaliex skont hu ma taqbilx mal-firem li hemm fuq iċ-*cheque*. Illi fl-istess waqt ġew eżebiti diversi dokumenti ta' kont bankarju li kien fuq isem ta' Geoffrey Fenech u persuna oħra. Illi dan l-isem li kien ingħata fuq dan il-kont kien ta' Forte Detergents. Illi però min-naħa tar-rappreżentant tal-Bank of Valletta xehed li dan il-kont ma kienx ta' kumpannija iżda kien fuq l-isem li hemm indikat fuq ir-rendikont u ċioe' fuq Geoffrey Fenech u Antoine Cassar. Anki l-istess Geoffrey Fenech ikkonferma li huwa kien iddeċieda li jsemmih l-isem ta' Forte Detergents u mhux għax kellu xi relazzjoni mas-soċjetà konvenuta.*

***Ikkunsidrat***

*Illi fl-ewwel eċċezzjonijiet mressqa mis-soċjetà konvenuta saret referenza għal kwistjoni li s-soċjetà konvenuta ma hemmx relazzjoni ġuridika mal-istess soċjetà attriċi. Illi għalhekk din il-Qorti sejra tiddisponi minn din l-eċċezzjoni wkoll.*

*Illi mill-provi mressqa hemm kontestazzjoni minn dak li qalu d-diversi xhieda li nġiebu f'dawn il-proċeduri. Illi mill-i*statements *li ġew eżebiti mill-istess soċjetà attriċi juru li l-kont kien fuq Forte Detergents Ltd għal diversi prodotti li ġew mibjugħa. Joseph Agius ikkonferma li kien biegħ diversi oġġetti lil Geoffrey Fenech u anki kien ikun hemm it-tqassim ta' dawn l-oġġetti ġewwa l-fabbrika li tinsab ġewwa il-Qasam Industrijali ta' San Ġwann. Minħabba li ma kienx qiegħed isiru pagamenti kien intlaħaq ftehim mal-istess Geoffrey Fenech sabiex jibda jitħallas il-kont hemm ftehim mas-soċjetà konvenuta sabiex jinbiegħu l-oġġetti u jitħallsu tagħhom. Huwa fil-fatt ikkonferma li qatt ma kien ta xogħol lil Victor Fenech iżda dejjem kien hemm it-tifel tiegħu u ċioe' Jeffrey* [sic!] *Fenech. Illi ta' min jinnota li* delivery notes *a fol 27 sa fol 29 jagħmlu referenza għal Forte Distributors Ltd u mhux għal Forte Detergents Ltd u l-istess għal dak li hemm a fol 31 sa 34. Illi jidher li kull* delivery note *saret lis-soċjetà Forte Distributors Ltd u mhux lis-soċjetà Forte Detergents Ltd. Waqt li t-*Tax Invoice *qegħdin jagħmlu referenza għal Forte Detergents Ltd. Illi wkoll jidher li kien hemm pagamenti maħruġa mill-kont ta' Professional Plasterer (a fol 119 sa 121) u mhux mill-kont tas-soċjetà konvenuta. Illi wkoll fiċ-ċekk* images *li jinsabu a fol 126 sa 134 hemm ukoll l-istess referenza għal kont ta' Professional Plasterer u mhux tas-soċjetà konvenuta. Illi fid-dokument eżebiti a fol 135 li hija formula għal* discharge and subrogation form *hemm referenza għal Forte Detergents Ltd kif ukoll għal Professional Plastering.*

*Illi l-istess Victor Fenech ikkonferma li huwa qatt ma ħallas għal dan ix-xogħol lis-soċjetà attriċi tant li qatt ma ħarġu ħlasijiet għal dawn il-kontijiet min-naħa tiegħu.*

*Illi kompla jgħid li huwa propjetarju tas-soċjetà konvenuta u hu biss jista' jawtorizza ħlasijiet. Huwa semma fix-xhieda tiegħu lis-soċjetà konvenuta ġieli żammet xi oġġetti tat-tifel tiegħu minħabba li għandu xi xogħol ta'* turnkey. *Illi minn dak li xehed ir-rappreżentant tal-Bank of Valletta qalet li l-kont bankarju li kien hemm jgħajjat lil Jeffrey* [sic!] *Fenech u Antoine Cassar fejn kompliet iżżid li dan il-kont mhux fuq isem is-soċjetà konvenuta qiegħed iżda fuq żewġ persuni u l-indirizz li kien hemm mhux fejn qegħda s-soċjetà konvenuta. Hija konfermat li bħala isem ingħata Forte Detergents iżda ma jappartjeniex lis-soċjetà konvenuta.*

*Illi l-istess soċjetà attriċi eżebiet dokument li kien ġie iffirmat mis-soċjetà konvenuta Forte Detergents Ltd bħala applikazzjoni għal ħlas ta' kreditu ta' elfejn Ewro (€2,000) fis-sena 2011. Illi fuq dan id-dokument, l-istess Jeffrey* [sic!] *Fenech ikkonferma li huwa qatt ma kien iffirma dan id-dokument. Huwa qal fix-xhieda tiegħu li kien jixtri l-prodotti mingħand is-soċjetà attriċi u kien dejjem għalih u mhux għas-soċjetà konvenuta. Fil-fatt ikkonferma li l-kont kien dejjem tiegħu personali u tal-*partner *tiegħu u għalkemm semmieh Forte Detergents qatt ma kien jappartjeni lis-soċjetà konvenuta. Ix-xogħol li kien jinxtara dejjem kien ikun għalih u għal* partner *tiegħu tant li dejjem ħallas biċ-ċekkijiet tiegħu u mhux tas-soċjetà konvenuta.*

*Il-Qorti sejra tagħmel referenza għal kawża fl-ismijiet* ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001 fejn intqal hekk:*

> "Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabbilixxi jekk parti in kawża kienitx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor jew lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun

involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża."

*Illi mill-assjem tal-provi ma hemm xejn li jindika li l-ħlasijiet saru mis-soċjetà konvenuta. Illi mill-istess rappreżentant tal-Bank of Valletta qal li dan il-kont kien jgħajjat fuq isem personali ta' żewġ persuni u mhux tas-soċjetà konvenuta. Illi l-istess Joseph Agius qal li huwa qatt ma kellu x'jaqsam mal-istess sid is-soċjetà konvenuta Victor Fenech iżda kien ħa xi xogħol ġewwa il-fabbrika ġewwa San Ġwann. Illi però jidher b'mod ċar li saru diversi pagamenti b'ċekkijiet maħruġin f'isem Antoine Cassar u Geoffrey Fenech u fuq isem Professional Plaster. Illi l-Qorti tara li għalkemm kien hemm* invoices *jidhru maħruġa fuq Forte Detergents lanqas ma hemm indirizz sabiex jiġi stabbilit li kienu tal-istess soċjetà konvenuta jew li xi ħadd minnhom li jindika li kien qiegħed jaċċetta dan ix-xogħol. Illi anki mill-istess* delivery notes *hemm ċar li lanqas jappartjenu lill-istess soċjetà konvenuta iżda għan-nom ta' soċjetà oħra. Illi għalhekk din il-Qorti tara li hija diffiċili li tara mill-provi mressqa li hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet f'din il-kawża. Huwa ċar li Geoffrey Fenech u l-*partner *tiegħu Antoine Cassar kienu huma li jixtru dawn il-prodotti għan-nom tagħhom u joħorġu ċekkijiet fuq il-kont tagħhom personali tant li kien ikun hemm il-bżonn ta' żewġ firem fuqhom. Illi ladarba huma ma ġewx imħarka f'dawn il-proċeduri sabiex jirrispondu għal dawn il-proċeduri, il-Qorti mill-provi li għandha ma tarax li teżisti r-relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-17 ta' Lulju, 2023, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... jogħġobha tilqa' dan l-umili appell u konsegwentement tgħaddi biex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet "Muracel Limited vs Forte Detergents Limited" (Avviż Numru 307/2016 CFF) fit-3 ta' Lulju 2023, u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi wara li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-konvenuta appellata."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-ewwel Qorti permezz tal-provi li kellha quddiemha, kellha ssib li tassew kien hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.

7. Is-soċjetà appellata debitament notifikata, għażlet li ma tweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju ewlieni tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti.

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi u applikazzjoni korretta tal-liġi applikabbli għall-każ odjern. Tissottometti li fejn tqum il-kwistjoni ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, għandu jiġi kkunsidrat il-mument li fih ġie stabbilit ir-rapport kuntrattwali bejniethom. Filwaqt li tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza fir-rigward tal-prinċipju li wieħed ġeneralment jikkuntratta għalih innifsu, is-soċjetà appellanta tirrileva li fil-każ odjern mhuwiex ikkontestat li l-pretensjoni tagħha tistrieħ fuq skrittura tal-10 ta' Awwissu, 2011, fejn sar ftehim għall-bejgħ ta' merkanzija bi kreditu, li jinsab esebit bħala Dok ML2. Is-soċjetà appellanta tgħid li fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2019, Geoffrey Fenech qal li l-firma fuq id-dokument imsemmi mhijiex tiegħu, u li din ġiet iffalsifikata, iżda ma saret l-ebda prova oħra in sostenn ta' din id-dikjarazzjoni tiegħu, anki permezz ta' perizja kalligrafika. Tgħid li għall-kuntrarju l-provi jikkontradixxu dak li qal ix-xhud, u juru li kienu saru diversi ħlasijiet lilha mingħand l-istess Geoffrey Fenech. Tirrileva li fl-istess xhieda, dan iddikjara wkoll li l-firma fuq Dok JA37 kienet falza, iżda ma kienx jirriżulta li huwa ħa xi passi fir-rigward. Għalhekk tgħid li l-iskrittura kellha tiġi kkunsidrata bħala prova tar-relazzjoni bejn il-partijiet. Is-soċjetà appellanta tgħid li hawnhekk madankollu l-ewwel Qorti kienet naqset milli tistħarreġ jekk fil-fatt Geoffrey Fenech kellux is-setgħa

li jorbot lis-soċjetà appellata ma' terzi, u jekk le allura x'kienu l-konsegwenzi. Tirrileva li mill-provi kien irriżulta li l-uniku azzjonist u direttur tal-imsemmija soċjetà appellanta kien Victor Fenech, li huwa missier l-imsemmi xhud Geoffrey Fenech. Is-soċjetà appellanta tissottometti li hawnhekk wieħed kellu jikkunsidra kemm ix-xhieda tiegħu in kontro-eżami waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2018, u anki l-kontenut ta' Dok. JA37, li minnu jirriżulta li Geoffrey Fenech kien iffirma wkoll f'isem is-soċjetà appellanta ftehim ta' kwittanza u surroga, liema ftehim jservi bħala xhieda ta' sehmu fit-tmexxija tas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn terz li ma kienx direttur tal-kumpanija jiġi nkarigat minnha sabiex jagħmel att ta' amministrazzjoni f'isimha, dak li jwettaq l-imsemmi terz, jorbot lill-imsemmija kumpannija sakemm l-att eżegwit ma jkunx ta' amministrazzjoni straordinarja. Hija hawnhekk tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza in sostenn tal-argument tagħha, u ssostni li ġaladarba s-soċjetà appellata ma segwietx id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ billi tagħti d-debitu avviż dwar il-limitazzjonijiet fuq is-setgħa tal-institur tagħha, huwa preżunt li dan kellu wkoll is-setgħa li jorbotha b'ftehim ta' xiri bid-dejn. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-ewwel Qorti ma kellhiex tagħti importanza lil min fil-fatt kien jagħmel il-ħlasijiet akkont, għaliex wara kollox il-liġi stess tirrikonoxxi d-dritt li l-ħlas jew parti minnu jista' jsir minn terz, u dan *ai termini* tas-subartikolu 1148(2) u tal-artikolu 1149 tal-Kodiċi Ċivili, li ma jippermettux li kreditur jirrifjuta ħlas mingħand terz. Tikkontendi li l-fatt li hija kienet aċċettat ħlas b'dan il-mod, ma kienx ibiddel in-natura tar-rapport obbligatorju ta' bejn il-partijiet, li f'dik l-eventwalità kellhom jissussistu l-elementi ta' novazzjoni skont il-liġi, u li fil-każ odjern ma rriżultawx.

10. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li s-sentenza appellata hija tajba. L-ewwel Qorti qabel xejn għarfet li Geoffrey Fenech fix-xhieda tiegħu ma kkontestax il-fatt li huwa kien jixtri materjal mingħand is-soċjetà appellanta għax-xogħol tiegħu, u li għalih kien iħallas mill-kont bankarju tiegħu. Korrettement għarfet ukoll li huwa kien sostna li ma kienx jixtri materjal mingħand l-istess soċjetà appellanta għan-nom tas-soċjetà appellata, għalkemm dan kien jiġi kkonsenjat fil-fabbrika tagħha.

11. L-ewwel Qorti rrilevat li l-istess xhud kien innega li ffirma il-ftehim Dok. ML2, u ddikjara li l-firma tiegħu kienet falza, fejn stqarr li din il-firma ma kienitx taqbel mal-firem tiegħu fuq iċ-ċekk.

12. L-ewwel Qorti qalet li rriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c., li r-rendikonti bankarji kienu juru kont f'isem Geoffrey Fenech u persuna oħra Antoine Cassar, u li l-isem tal-istess kont kien 'Forte Detergents' li ma kienx ta' kumpannija iżda tal-persuni l-oħra appena msemmija. L-ewwel Qorti rrilevat ukoll li l-indirizz ma kienx dak tas-soċjetà appellata.

13. Għal dak li jirrigwarda r-rendikonti maħruġa u esebiti mis-soċjetà appellanta, l-ewwel Qorti osservat li l-kont kien fuq is-soċjetà appellata, u Joseph Agius kien ikkonferma li huwa kien biegħ diversi prodotti lil Geoffrey Fenech u anki qassamhom fil-fabbrika tas-soċjetà appellata. Hawnhekk l-ewwel Qorti tajjeb osservat li madankollu d-*delivery notes* relattivi kienu dejjem jagħmlu riferiment għal Forte Distributors Ltd u mhux għas-soċjetà appellata. Irrilevat ukoll punt ieħor indikattiv, jiġifieri li l-pagamenti li kienu saru kienu nħarġu mill-kont ta' Professional Plasterer u mhux minn dak tas-soċjetà

appellata, filwaqt li ċ-*cheque images* kienu jagħmlu wkoll riferiment għal Professional Plasterer fir-rigward ta' min kien qiegħed joħroġ iċ-ċekk.

14. Filwaqt li rrilevat li x-xhud Victor Fenech stqarr li huwa proprjetarju tas-soċjetà appellata, u huwa biss kellha s-setgħa li jordna ħlas, l-ewwel Qorti osservat li fil-fatt huwa qatt ma kien ħareġ pagament lis-soċjetà appellanta. Żiedet tgħid ukoll li l-istess xhud ammetta li s-soċjetà appellata kienet żammet xi xogħol għandha li kien tat-tifel tiegħu Geoffrey Fenech, u spjega li dan kellu negozju ta' *turnkey.*

15. Filwaqt li ċċitat dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2001, fl-ismijiet **Frankie Refalo et *vs.* Jason Azzopardi et**, iddikjarat li mill-provi ma kienx jirriżulta li l-ħlasijiet kienu saru mis-soċjetà appellata, u kien ħareġ ċar li Geoffrey Fenech u Antoine Cassar kienu jixtru x-xogħol għan-nom tagħhom stess, u jħallsu għalih mill-kont personali tagħhom li kien jitlob il-firem tagħhom it-tnejn. Għaldaqstant ġustament iddikjarat li ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.

16. Il-Qorti tikkondividi dan ir-raġunament tal-ewwel Qorti, u tagħmlu tagħha. Tgħid li tassew m'hemm l-ebda prova li turi li s-soċjetà appellanta għandha relazzjoni ġuridika mas-soċjetà appellata. Iżżid tgħid li għalkemm l-imsemmija soċjetà appellanta tagħmel aċċenn fuq in-nuqqas ta' prova fir-rigward tal-allegata firma falsifikata fuq il-ftehim Dok. JA37, favur l-argument tagħha li Geoffrey Fenech kien dejjem deher għan-nom tas-soċjetà appellata, il-Qorti tgħid li jekk kellu jiġi aċċettat li l-firma hija tassew tiegħu, il-konklużjoni tagħha tibqa' l-istess għar-raġunijiet fuq spjegati.

17. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**